MALTA

# QORTI KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-12 ta' April, 2013

Numru 41/2012

**“Il-Pulizija**
**(Spettur Michael Alan Mallia**
**Spettur Alexander Paul Miruzzi)**

**v.**

***… omissis …***
**Tristan Falzon**
***… omissis …*”**

**Il-Qorti:**

1. Reġgħet rat in-nota ta’ l-uffiċjal tal-*probation* Matthew Fleri Soler tal-5 ta’ Ottubru 2012 li biha għamel denunzja fis-sens ta’ l-artikolu 21 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta’ Malta, u fejn informa lil din il-Qorti li l-imsemmi Tristan Falzon kien abbuza mid-droga eroina u kokaina, naqas li jattendi appuntamenti konsekutivi mas-*social worker* tad-*Drugs*

*Community Team* fi ħdan l-Aġenzija SEDQA, u minħabba s-sitwazzjoni preżenti ma setax jingħata *placement* biex iwettaq xogħol fil-komunita`;

**2.** Rat is-sentenza ta' din il-Qorti mogħtija fit-30 ta' Marzu 2011 li permezz tagħha rriformat s-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fl-24 ta' Settembru 2011, u dan billi rrevokatha in kwantu sabet lill-imsemmi Tristan Falzon ħati ta' l-addebitu ta' reċidiva skond l-artikolu 50 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta u minflok ma sabitux ħati ta' tali addebitu u lliberatu minnha, irrevokatha wkoll in kwantu kkundannatu tliet snin priġunerija u in kwantu ordnat li l-piena ta' sentejn priġunerija sospiżi għal erba' snin li huwa ngħata permezz ta' sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tad-9 ta' Frar 2004 tidħol fis-seħħ mid-data tas-sentenza appellata sabiex b'hekk l-appellant Tristan Falzon irid jiskonta kumplessivament ħames snin priġunerija u minflok, a tenur ta' l-artikolu 18 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta, ordnat li l-imsemmi Tristan Falzon jitqiegħed taħt ordni ta' *probation* u servizz taħt is-sorveljanza ta' ufficjal tal-*probation* għal tliet snin millum u li jaqdi ordni ta' servizz fil-komunita` billi jagħmel xogħol bla ħlas għall-massimu permess mill-imsemmi artikolu 18 ta' mitt siegħa f'dak il-post u skond l-arranġamenti li jsiru mill-Uffiċċju tal-*Probation* bl-approvazzjoni ta' din il-Qorti, u bil-kundizzjonjiet l-oħra indikati fl-istess ordni anness mas-sentenza ta' din il-Qorti;

**3.** Rat illi l-imputazzjonijiet li tagħhom l-imsemmi Tristan Falzon instab ħati kienu s-segwenti (l-enumerazzjoni huwa dak mogħti fis-sentenza oriġinali):

(2) nhar-il 25 ta' April 2004 u fil-jiem ta' qabel din id-data, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti, u li kisru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

(a) fil-Marsa, f'xi hin matul il-perjodu ta' bejn it-8.00 ta' filghaxija ta' l-24 ta' April 2004 u t-3.00 ta' wara nofsinhar tal-25 ta' April 2004, ikkommettew serq ta' vettura bin-

numru tar-registrazzjoni JAG-525, ikkwalifikat bil-vjolenza (numerika), hin, mezz, bil-valur li ma jiskorrix l-elf lira Maltija, kif ukoll bin-natura tal-haga misruqa ghad-detriment ta' John Cutajar minn Birkirkara;

(b) waqt li kienu f'Birkirkara, ghall-habta tas-2.15 ta' wara nofsinhar ikkommettew serq ta' oggetti u cioe` baskett li kien fih *mobile phone* u cwievet, ikkwalifikat bil-vjolenza (numerika) ghad-detriment ta' Maria Deguara minn Birkirkara;

(c) fl-istess data, waqt li kienu f'Birzebbuga, ghall-habta tat-2.50 ta' wara nofsinhar, ikkommettew serq ta' oggetti u cioe` gizirana bis-salib, ikkwalifikat bil-valur li ma jiskorrix l-elf lira Maltija kif ukoll bil-vjolenza (numerika), ghad-detriment ta' Rita Dalli minn Hal-Luqa;

….

(9) fl-istess data u cirkostanzi, f'dawn il-Gzejjer, ma obdewx l-ordnijiet legittimi ta' l-awtorita` jew ta' wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku u cioe` diversi membri tal-korp tal-Pulizija, jew ma hallewhomx jew fixkluhom waqt li kienu jaghmlu d-dmirijiet taghhom, jew b'xi mod iehor bla jedd, indahlu fi dmirhom, billi ma hallewhomx jaghmlu dak li b'ligi kienu ordnati jew jistghu jaghmlu, jew billi giebu fix-xejn jew hassru dak li kienu ghamlu skond il-ligi jew b'xi mod iehor li jkun;

….

(13)(a) Lil Tristan Falzon wahdu talli rrenda ruhu recidiv ai termini ta' l-artikoli 49 u 289 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li nstab hati b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

**4.** Rat il-kondizzjonijiet mogħtija fl-ordni ta' *probation* u servizz fil-komunita` li kienu s-segwenti:

(a) li jirrapporta lill-ufficjal tal-*probation* lilu assenjat mid-Direttur minn zmien ghal zmien skond l-istruzzjonijiet mahruga mill-ufficjal tal-*probation*;

(b) li jirrapporta lill-awtorita` rilevanti minn zmien ghal zmien skond l-istruzzjonijiet mahruga mill-ufficjal ghas-servizz fil-komunita`;

(c) li jwettaq b'mod sodisfacenti ghall-ghadd ta' sieghat hawn fuq specifikat dak ix-xoghol fdawk il-hinijiet skond ma jista' jigi ordnat minn jew f'isem l-awtorita` rilevanti;

(d) li javza lill-ufficjal ghas-servizz fil-komunita` li l-hati jkun mehtieg li jirrapporta lilu/lilha b'kull tibdil fl-indirizz tieghu;

(e) li jaghmel dawk it-testijiet mehtiega li l-ufficjal tal-*probation* iqis opportun sabiex jigi assigurat li l-hati ma jkunx qieghed jabbuza minn kwalunkwe tip ta' droga, liema testijiet jinkludu li l-hati jaghti *samples* ta' l-urina tieghu;

(f) li jircievi zjarat ta' l-istess ufficjal tal-*probation* kemm fid-dar tieghu kif ukoll fuq il-post tax-xoghol;

(g) li matul dan il-perijodu l-hati jgib ruhu tajjeb u joqghod ghad-direttivi <u>kollha</u> tal-ufficjal tal-*probation*;

**5.** Semgħet id-deposizzjonijiet mogħtija mill-uffiċjal tal-*probation* Matthew Fleri Soler; rat l-atti l-oħra kollha tal-kawza; ikkunsidrat:

**6.** Mill-provi jirriżulta illi l-*probationer* għandu problema ta' abbuż tad-droga. Pero` għamel mill-14 ta' Diċembru 2012 sat-2 ta' Jannar 2013 rikoverat fid-DDU fl-Isptar Monte Carmeli, qata' l-methadone u qiegħed taħt il-kura tal-psikjatra Dr. Ethel Felice. Minn meta ħareġ, attenda l-appuntamenti kollha ma' l-uffiċjal tal-*probation* u ħalla diversi kampjuni ta' urina li kollha rriżultaw fin-negattiv għad-droga. Barra minn hekk kien hemm diversi ċirkostanzi li minħabba fihom ma setax jibda x-xogħol fil-komunita` iżda fiżikament huwa issa b'saħħtu biżżejjed biex jaħdem. Din il-Qorti sejra tużufruwixxi dan il-progress

sabiex tagħti lill-*probationer* l-aħħar opportunita` biex ikompli l-proċess ta' rijabilitazzjoni fil-komunita`, u dan billi tirrevoka l-ordni ta' *probation* u servizz fil-komunita` u tissostitwieh b'ordni ġdid. **Qiegħda tagħti avvertiment ċar lill-imsemmi Tristan Falzon li jekk, bl-iċken mod, huwa jikser xi waħda mill-kondizzjonijiet li ser jingħatawlu, imbagħad ikollu jiffaċċja r-riguri kollha tal-liġi appena xi nuqqas jiġi rapportat lil din il-Qorti.**

7**.** Għal dawn il-motivi tiddeċiedi billi, a tenur tas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 21 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta, wara li kkonstatat li l-*probationer* Tristan Falzon kiser is-sanzjoni komunitarja tat-30 ta' Marzu 2011, tittratta miegħu mill-ġdid għall-imputazzjonijiet (imsemmija fit-tielet (3) paragrafu ta' din is-sentenza) li dwarhom huwa kien tpoġġa taħt tali ordni daqs li kieku għadu kemm ġie dikjarat ħati minn jew quddiem din il-Qorti għal dawk l-imputazzjonijiet, u filwaqt li għal kull bwon fini tikkonferma l-ħtija fir-rigward ta' l-imsemmija imputazzjonijiet, wara li rat l-artikoli 17, 18, 31, 49, 289, 261(a)(b)(c)(f)(g), 262, 263, 264, 265, 266, 267, 270, 271, 276, 277, 278, 279, 280, 281 u 338(ee) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tqiegħdu mill-ġdid taħt ordni ta' *probation* u servizz fil-komunita` a tenur ta' l-artikolu 18 tal-Kap. 446 taħt is-sorveljanza ta' ufficjal tal-*probation* għal tliet snin millum u li jaqdi ordni ta' servizz fil-komunita` billi jagħmel xogħol bla ħlas għall-massimu permess mill-imsemmi artikolu 18 ta' mitt siegħa f'dak il-post u skond l-arranġamenti li jsiru mill-Uffiċċju tal-*Probation* bl-approvazzjoni ta' din il-Qorti, u bil-kundizzjonjiet l-oħra indikati fl-istess ordni anness ma' din is-sentenza. Dan l-ordni qed isir wara li din il-Qorti spjegat lill-istess Tristan Falzon bi kliem li jiftiehem sew l-effett ta' l-ordni u li jekk huwa jonqos li jikkonforma ruħu ma' l-ordni jew jagħmel xi reat ieħor, huwa jkun jista' jingħata sentenza għar-reati oriġinali.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------